MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 136/2011

**Camilleri Paris Mode Limited**
**C-16536**

**vs**

**Dr Marlene Cremers, li b’digriet datat 23 ta’ Mejju 2011**
**gie dikjarat illi isem**
**il-konvenuta minflok “Marlene” irid jinqara “Marlyse”**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallasha s-somma ta’ elf, hames mija u tmintax-il Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,518.72c) jew somma ohra verjuri rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici ghall-purtieri mehjuta u mdendla fuq inkarigu tal-konvenuta fil-fond proprjeta’ tal-istess konvenuta T4, Front 11, MIDI, Tigne Point, Sliema,

bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, t-talba tas-socjeta' attrici hija intempestiva peress illi kien hemm proposta sabiex issir transazzjoni izda minflok ma saret il-laqgha proposta s-socjeta' attrici pprocediet b'din il-kawza; Illi fit-tieni lok, jigi eccepiet ulterjorment illi l-purtieri suppliti lill-konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita izda kienu ta' kwalita' inferjuri u difettuzi; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi x-xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha; Illi ghaldaqstant l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u l-ammont li jista talvolta jkun dovut ghad irid jigi ppruvat; Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta' bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni max-xiri ta' drapp ghall-purtieri, il-hjata u t-tqeghid ta' dawn l-istess purtieri gewwa l-appartament tal-konvenuta. Illi mill-atti jirizulta illi fis-7 ta' Dicembru, 2009 l-attrici marret fl-istabbiliment gestit mis-socjeta' attrici, u hemmhekk rat u inghatat stima ghal materjal ghal purtieri li kienet tehtieg ghal-*living room* tal-appartament taghha. Illi l-istess konvenuta ghamlet ordni ghall-purtieri, u gie miftiehem illi persuni impjegati mas-socjeta' attrici kellhom imorru fl-appartament tal-konvenuta sabiex iwahhlu r-rails li maghhom kellhom jigu mdendla l-purtieri, u jiehdu l-kejl sabiex jinhadmu l-istess purtieri. Illi l-intendiment bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-purtieri in kwistjoni kellhom jitlestew u jigu mdendla fl-appartament tal-konvenuta fit-

tielet (3) gimgha ta' Marzu, 2010, u cioe' meta l-konvenuta tigi lura mis-safar. Illi l-konvenuta kienet specifika hafna dwar iz-zmien li fih kellhom jigu installati l-purtieri, kif ukoll dwar l-gholi tal-purtieri minn mal-art, u cioe' illi dawn kellhom ikunu madwar centimetru minn mal-art.

Illi sussegwentement marru persuni impjegati mas-socjeta' attrici fl-appartament in kwistjoni, wahhlu r-rails, u hadu l-kejl mehtieg. Illi l-konvenuta, da parti taghha, wettqet depozitu akkont tal-prezz miftiehem.

Illi fit-18 ta' Marzu, 2010 il-konvenuta bghatet tfakkar lis-socjeta' attrici illi kienet qedha tistenna li jaghtuha appuntament sabiex jigu mdendla l-purtieri fl-appartament taghha. Illi bhala stat ta' fatt irrizulta illi dawn twahhlu ghall-ewwel darba fil-15 ta' April, 2010. Illi m'hemmx qbil bejn il-partijiet ghalfejn il-purtieri gew ikkonsenjati madwar tliet (3) gimghat wara z-zmien miftiehem, u dan peress illi s-socjeta' attrici tiddikjara illi fl-ahhar gimgha ta' Marzu kien hemm il-festi tal-Gimgha Mqaddsa, u ghalhekk kienu neqsin min-nies, u li kien ghalhekk illi ma gewx ikkonsenjati l-purtieri fiz-zmien miftiehem, filwaqt illi l-konvenuta tikkontendi illi dan id-dewmien gie kkawzat 'l ghaliex il-purtieri kienu ghadhom mhux lesti. Madanakollu, irrizulta illi dawn gew imdendla fil-post fil-15 ta' April, 2010, fil-presenza tal-konvenuta, izda l-impjegati tas-socjeta' attrici reghhu telqu bihom dakinhar stess ghaliex kienet twahhlet *inter-lining* bejn id-drapp tal-purtieri u l-inforra, li fil-fehma tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici kienet mehtiega sabiex taghti dehera aktar pulita lil dawn il-purtieri. Illi l-konvenuta ma riditx illi jkun hemm dan l-*inter lining*, u ghalhekk l-impjegati tas-socjeta' attrici hadu l-purtieri maghhom, dan l-*inter lining* tnehha, u regghu marru – jidher li kien l-ghada – sabiex jergghu jdendlu l-purtieri fl-appartament in kwistjoni.

Illi f'din l-okkazjoni, il-purtieri twahhlu, izda l-impjegati tas-socjeta' attrici reghhu hadu wahda minn par minn dawn il-purtieri, ghaliex kienu jidhru fiha xi toqob tal-hjata. Illi jidher li din giet ritornata lill-konvenuta ftit zmien wara, u ddendlet ukoll fil-post. Illi fl-okkazjoni meta l-impjegati tas-socjeta' attrici dendlu l-purtieri fl-appartament tal-

konvenuta, hi kkonsenjatilhom set purtieri li kienu inhadmu minn terzi, sabiex isiru xi xoghlijiet ta' tiswija fuqhom. Illi jidher illi dawn gew ritornati lill-konvenuta a sodisfazzjoni taghha, ghaliex inharget fattura mis-socjeta' attrici ghall-hlas tas-servizzi rezi minnha specifikament in konnessjoni ma' dawn il-purtieri, u l-konvenuta hallset lis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol.

Illi dwar il-purtieri l-ohra, u cioe' dawk li ordnat minghand is-socjeta' attrici, il-konvenuta tikkontendi illi m'ghandhix thallas ghalihom, stante illi ma giex osservat iz-zmien li fih dawn kellhom jigu kkonsenjati lilha, oltre illi x-xoghol ta' hjata ma' kienx kif miftiehem u kif tirrikjedi s-sengha u l-arti, ghaliex ma giex osservat il-ftehim bejn il-partijiet, u cioe' illi l-gholi tal-purtieri jkun ta' centimetru minn mill-art, meta irrizulta illi dawn kienu madwar zewg centimetri u nofs oghli mill-art, oltre illi x-xoghol tal-hjata, partikolarment fil-gnub tal-purtieri, ma kienx pulit u l-materjal kien migbud.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi meta l-purtieri gew ikkonsenjati t-tieni darba, l-attrici ffirmat id-*delivery note*, u ma lmentat dwar ebda nuqqas fihom salv dwar wahda minn par, li ttiehdet lura, u regghet giet ikkonsenjata wara li sewwiet, u giet accettata mill-konvenuta.  Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi ma rcieva ebda hlas iehor minghand il-konvenuta wara li hallset il-kont separat ghat-tiswija tal-purtieri li nhadmu minn terzi, u kien biss meta l-konvenuta giet mitluba sabiex thallas il-bilanc illi hi qajmet dawn l-ilmenti dwar il-kwalita' tax-xoghol.  Illi dawn l-ilmenti jirrizultaw ukoll minn e-mail li bghatet il-konvenuta lis-socjeta' attrici f'Gunju, 2010.

Illi wara li ntbaghtet ittra legali ghan-nom tal-konvenuta dwar zball fil-kont, is-socjeta' attrici rrikonoxxiet tali zball, u harget *credit note* a favur tal-konvenuta, b'tali mod illi l-bilanc li kien allura dovut minnha gie ridott ghal elf erbgha mija u tlieta u erbghin Ewro u tnax-il centezmu (€ 1,443.12c).  Illi permezz ta' ittra legali datata 23 ta' Settembru, 2010, il-konvenuta informat lis-socjeta' attrici li

ma kienitx disposta li thallas dan l-ammont minhabba n-nuqqasijiet fil-hjata u d-dehra tal-purtieri.

Illi ma giex ikkontestat mill-attrici illi l-fond li fih iddendelu l-purtieri in kwistjoni inbiegh lil terzi, u li ghalhekk ma jidhirx li dawn ghadhom fil-pussess taghha.

Ikkunsidra,

Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-purtieri kkonsenjati lill-konvenuta, ghandha tigi meqjusa fid-dawl tal-kontestazzjoni sollevata mill-konvenuta. Illi ma giex ikkontestat mill-konvenuta illi l-purtieri inhadmu mis-socjeta' attrici, b' materjal ordnat mill-konvenuta, u li dawn il-purtieri gew effettivament ikkonsensenjati u mdendla fil-fond tal-konvenuta. Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta hija li dawn il-purtieri ma gewx mahduma skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza illi rrizulta fihom xi nuqqasijiet u difetti, u li gew ikkonsenjati wara z-zmien miftiehem.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi meta dawn il-purtieri gew installati ghall-ewwel darba fil-fond tal-konvenuta, hi nnotat illi kien intuza l-*inter lining*, u peress li ma ghogobhiex l-effett li dan holoq, hi talbet illi dan jitnehha. Illi l-impjegati tas-socjeta' attrici hadu l-purtieri maghhom, u reghhu ikkonsenjawhom minghajr dan l-*inter lining*. Illi f'din l-okkazjoni, il-konvenuta nnotat difett fil-hjata ta' wahda mill-purtieri, u ghalhekk l-impjegati tas-socjeta' attrici reghhu hadu maghhom wahda minn par tal-purtieri li kienu reghhu marru jdendlu, rrimedjaw tali difett, u regghu marru fl-appartament tal-konvenuta sabiex iwahhlu din l-ahhar purtiera. Illi fl-istesss waqt, il-konvenuta tathom purtieri ohra, li kienu nhadmu minn terzi, sabiex jaghmlu xi xoghol ta' tiswija fuqhom.

Illi s-sekwenza ta' kif graw il-fatti jindika illi kull meta l-purtieri gew installati fl-appartament tal-konvenuta, hi dejjem kienet prezenti, u kienet qed tati kaz ta' dak li gie kkonsenjat lilha. Tant hu hekk illi fit-tieni okkazjoni, meta gew imdendla l-purtieri wara li tnehha l-*inter lining*, innotat difett fil-hjata ta' wahda mill-purtieri, u talbet lill-impjegati tas-socjeta' attrici sabiex jirrimedjaw ghal tali nuqqas – kif

fil-fatt ghamlu. Illi meta l-*fitters* marru sabiex jikkonsenjaw din il-purtiera, u ghalhekk fit-tielet vizita gewwa l-appartament tal-konvenuta, ma jidhirx illi kellha ebda ilment dwar il-purtieri li kienu 'gia mdendlin fil-post, u lanqas dwar dik li giet ikkonsenjata f'din l-okkazjoni. Illi dwar l-ilment tal-konvenuta illi l-purtieri ma kienux tat-tul miftiehem, u dan ghaliex kienu iqsar milli miftiehem, tali stat ta' fatt kien jirrizulta hekk kif il-purtieri gew imdendla, u ghalhekk kemm-il darba l-konvenuta ma kienitx kuntenta dwar it-tul taghhom, kienet sigurament tigbed l-attenzjoni tal-impjegati tas-socjeta' attrici dwar dan il-fatt meta reghhu marru jdendlu l-purtiera li kien fadal. Illi f'dak li jirrigwarda l-ilment tal-konvenuta dwar il-kwalita' tal-hjata, u cioe' illi ma kienitx sufficjentement pulita u li kien hemm xi borduri tal-genb migbudin, anke jekk dan huwa minnu, zgur ma jiggustifikax illi l-konvenuta ma thallas xejn mill-bilanc dovut mill-prezz ta' dawn il-purtieri, partikolarment ladarba jidher illi dawn il-purtieri baqghu fil-pussess tal-konvenuta, u ma hassitx il-htiega li tiddisponi minnhom, imqar billi tiddepozitahom taht l-awtorita' tal-Qorti. Illi daqstant iehor, m'hemm ebda prova in atti, salv ghall-opinjoni tal-konvenuta, fil-kwalita' taghha ta' klijenta tas-socjeta' attrici, dwar il-kwalita' tal-hjata ta' dawn il-purtieri, u lanqas ma jidher illi inkarigat is-servizzi ta' terzi sabiex jirrimedjaw ghal tali nuqqasijiet.

Illi s-socjeta' attrici, da parti taghha, jidher illi tat importanza u attenzjoni ghall-ilmenti mressqa mill-konvenuta, tant illi rrimedjat darbtejn ghal nuqqasijiet li l-istess konvenuta gibdet l-attenzjoni tas-socjeta' attrici dwarhom.

Illi dwar l-element taz-zmien meta kellhom jigu kkonsenjati l-purtieri, irrizulta li l-konsenja ma saritx ezattament fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet; madanakollu, l-konsenja ma kienitx daqshekk tardiva illi kkawzat lil-konvenuta xi pregudizzju jew tnaqqis fit-tgawdija tal-oggett mixtri minnha. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi jidher illi l-konvenuta xtaqet illi dawn il-purtieri jigu kkonsenjati qabel ma jsir ir-riceviment li kellha ippjanat li jinzamm gewwa l-appartament taghha, u jidher illi dawn fil-fatt gew ikkonsenjati qabel tali attivita'. Illi ghalhekk, anke dan id-

dewmien b'gimghatejn, ma jiggustifikax illi l-konvenuta ma thallas xejn mill-bilanc dovut lis-socjeta' attrici.

Illi n-nuqqasijiet li tilmenta minnhom il-konvenuta, eccetto f'dak li jirrigwarda z-zmien meta kellha ssehh il-konsenja tal-purtieri, ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati, u ghalhekk filwaqt illi t-Tribunal ser jghaddi sabiex inaqqas ammont nominali mill-bilanc dovut minhabba d-dewmien fil-konsenja, huwa tal-fehma illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€ 1,200.00).

Illi f'dak li jirrigwarda it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas mill-konvenuta tal-imghax fuq il-bilanc dovut, it-Tribunal jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi nharget *credit note* mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenuta, u dan wara li hi gibdet l-attenzjoni tal-istess socjeta' attrici ghal zball illi kien hemm fil-kont.  Illi gialadarba rrizulta tali zball, li wassal ghal tali riduzzjoni, allura t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma jkunx gust illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas l-imghax skond il-*credit terms* applikati mis-socjeta' attrici, u li ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezenti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mitejn Ewro (€ 1,200.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------